# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Marzu 2000**

**Numru 51**

**Citaz. numru 626/96 DS**

Rosaleen Attard f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-assenti Theresa Theuma, Mary Theuma, Carmen Theuma, Anthony Theuma, Frederick Theuma u Michael Theuma
vs
Avukat Joseph Mario Sammut u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tad-19 ta' April 1996 gew nominati kuraturi deputati halli jirrapprezentaw lill-assenti Robert Attard, Teresa Ann McCahill, Anthony Attard, Malcolm Attard u Maria Attard

Illum, 17 ta' Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Frar 1996 li permezz taghha l-attrici proprio et nomine wara li ppremettiet illi l-partijiet huma werrieta tal-mejta Josephine Attard (Dok. A - D) li ghamelt zewg testmenti (Dok. e u F), u halliet bhala werrieta taghha lil hames hutha Frank, Giuseppe, Cathrine Theuma, John u Charles ahwa Attard li llum huma kollha mejta u ghalhekk uliedhom huma l-werrieta tal-imsemmija Josephine Attard, f'porzjonijiet skond l-arblu tar-razza hawn anness u markat Dok. G;

Illi fost l-assi tal-mejta Josephine Attard hemm diversi kontijiet bankarji (dokumenti hawn annessi) u l-fond numru 30 (tletin) Triq id-Duluri, Hamrun;

Illi l-konvenuti huma assenti minn dawn il-gzejjer u ghalhekk id-divizjoni tal-assi ma setghetx issehh;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti;

talbet lil din il-Qorti:

1. tillikwida l-assi kollha propjeta' tad-decujus Josephine Attard;

2. taqsam l-istess skond it-testmenti tal-istess Josephine Attard fi kwoti bejn l-eredi cioe' l-partijiet, u f'kaz li ma tistax issir il-qasma tal-assi tordna li jsir il-bejgh b'licitazzjoni u qasma tar-rikavat.

3. tassenja l-istess kwoti lill-imsemmija kontendenti skond il-kwota rispettiva taghhom.

4. tinnomina nutar biex jippubblika l-att tal-qasma f'gurnata, hin u lok li jigu stabbiliti fis-sentenza u kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati fejn qalu:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jecepixxu ulterjorament eccezzjonijiet ohra.

2. Illi huma jitolbu lill-attur jghidilhom il-post fejn jistghu jikkommunikaw mal-konvenuti.

Rat id-digriet tal-21 ta’ Novembru 1996 fejn giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi u gie nominat l-A.I.C. Albert Fenech bhala perit tekniku biex jassistiha;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku minnu mahlufa fis-7 ta’ Dicembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

*L-eredi u l-kwoti ereditarji*

Din hija kawza biex jigu likwidati u divizi l-assi ereditarji ta' certa Giuseppa (jew Josephine kif indikata fic-citazzjoni) Attard li mietet il-Hamrun fl-1 ta' Marzu 1994 (certifikat tal-mewt Dok. A a fol. 5 tal-process).

Skond ic-certifikat rilaxxat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Dok. C/D a fol. 7) jirrizulta li ma kien gie depozitat l-ebda testment sigriet minnha, la fis-Sekond'Awla u lanqas fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja.

Skond ic-certifikat rilaxxat mir-Registru Pubbliku (Dok. B a fol. 6) li jirreferi ghal ricerka li saret ghall-perijodu bejn is-sena elf disa' mija sebgha u sebghin u s-16 ta' Mejju 1994, jirrizulta li f'dak il-perijodu hija ghamlet testment wiehed, cioe' dak tat-28 ta' Jannar 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel. Giet esebita kopja ta' dan it-testment (a fol. 12 u 13) u minnu jirrizulta li permezz tieghu hija mmodifikat testment antecedenti tal-4 ta' April 1975 (a fol. 10 u 11) fl-atti tan-Nutar Nicola Said billi rrevokat it-Tieni Artikolu ta' dak it-testment fejn kienet halliet legat lin-neputija taghha Rosaleen Attard u kkonfermat in-nomina ta' eredi.

Permezz tat-Tielet Artikolu tat-testment ta' l-1975 hija nnominat bhala eredi taghha "lil hames hutha li jisimhom Frank, Giuseppe, Catherine mart Anthony Theuma, John u Charles sive Carmelo, ahwa Attard, fi kwoti ugwali u bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u dixxendenti f'kaz li xi hadd minnhom jigi nieqes qabilha ossia qabel it-testatrici u in mankanza ta' ulied u dixxendenti bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom." (Dwar isem "Giuseppe" se jsiru xi osservazzjonijiet aktar 'l isfel.)

Mix-xiehda ta' Rosaleen Attard (a fol. 39) u mid-dikjarazzjoni ta' trasferiment "causa mortis" fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella tal-25 ta' Marzu 1998 (a fol. 58 – 61) jirrizulta li hut Giuseppa Attard mietu kollha qabilha:

Frank Attard miet fit-18 ta' Dicembru 1976 u halla bhala l-unika tifla tieghu lill-attrici Rosaleen Attard.

Catherine Theuma mietet fil-15 ta' Frar 1990 u halliet superstiti sitt ulied, l-atturi l-ohra li ghalihom qed tidher Rosaleen Attard, cioe` Theresa, Mary, Anthony, Frederick, Michael u Carmen, ahwa Theuma.

John Attard miet fl-20 ta' Settembru 1984 u halla superstiti erba' ulied, u cioe` l-konvenuti Robert, Theresa Ann McCahill, Anthony u Malcolm, ahwa Attard. Jigi osservat li fic-citazzjoni (a fol. 1) u fl-arblu tar-razza (a fol. 14) giet indikata tifla ohra, Maria Attard. L-attrici Rosaleen Attard pero` xehdet li sa fejn taf hi zijuha John Attard ma kellux tifla ohra bl-isem ta' Maria.

Anthony Attard li kien guvni u miet bla ulied fit-18 ta' Mejju 1981. Jigi osservat li fit-testment ta' l-4 ta' April 1975 l-isem "Anthony" gie kancellat u sostitwit bl-isem "Giuseppe". Fil-fehma tal-Qorti jidher li dan sar erronejament peress li l-isem "Anthony" jirrizulta wkoll mill-kopja ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia tat-28 ta' April 1966 esebit mill-attrici fis-seduta tas-6 ta' Frar 1997 (a fol. 65) kif ukoll mill-kopja ta' prokura ta' hut Giuseppa Attard favur taghha.

Charles Attard, li kien guvni ukoll, miet bla ulied fit-28 ta' Jannar 1978.

Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-eredita` ta' Giuseppa Attard iddevolva hekk:

(1) terz (1/3) indiviz favur bint Frank Attard, cioe` Rosaleen Attard,
(2) terz (1/3) indiviz favur ulied Catherine Theuma, cioe` Theresa, Mary, Carmen, Anthony, Frederick u Michael, ahwa Theuma, u
(3) terz (1/3) indiviz favur ulied John Attard, cioe` Robert, Theresa Ann McCahill, Anthony u Malcolm, ahwa Attard.

*Il-konsistenza ta' l-assi*

Il-provi prodotti jirrigwardaw depoziti bankarji u proprjeta` immobiljarja.

Dwar depoziti bankarji xehdu rapprezentanti tal-APS Bank Ltd, Mid-Med Bank Ltd, Lombard Bank Ltd u Bank of Valletta Ltd. Minn din ix-xiehda jirrizultaw biss depoziti fil-Bank of Valletta Ltd. Is-somma fis-Savings Account u dik fl-Interest Disposal Account jirrapprezentaw il-bilanci sal-ahhar ta' Ottubru 1998. Fil-kont tal-ahhar qed jigu trasferiti l-interessi tal-Fixed Accounts:

| | |
|---|---|
| Savings A/c Nru. 13800354011 ……………………….. | Lm12440 |
| Fixed A/c Nru. 13800354037 ………………………….. | 100 |
| Fixed A/c Nru. 13800354040 ………………………….. | 100 |
| Interest Disposal A/c Nru. 13800354024 ……………… | 69 |
| | ------------------ |
| | Lm12709 |

Il-kontijiet imsemmija ghas-somma totali ta' tnax-il seba' mija u disgha liri Maltin (Lm12709), u salv interessi ulterjuri li baqghu u jibqghu jakkumulaw, jinsabu mal-fergha tal-Hamrun tal-Bank of Valletta.

Mill-provi rrizulta wkoll li Giuseppa Attard kellha sest (1/6) indiviz mill-mezzanin numru tletin (30), gia` hamsa u ghoxrin (25), u llum numru sebgha u hamsin (57), Our Lady of Sorrows Street, Hamrun, soggett l-imsemmi mezzanin ghac-cens annwu u perpetwu ta' sittin centezmu (60c0). Issir referenza ghad-dikjarazzjoni ta' trasferiment "causa mortis" (a fol. 57 – 61) mnejn jirrizulta li gie dikjarat dan is-sest indiviz.

Il-perit tekniku l-A.I.C. Albert Fenech acceda fil-fond in kwistjoni u kkonkluda li wara li ha in konsiderazzjoni l-pozizzjoni u l-kobor tal-fond, l-istat zdingat li jinsab fih, il-kondizzjoni strutturali tieghu, iz-zmien prezenti u c-cirkostanzi l-ohra kollha, il-valur ta' l-istess fond (naturalment l-intier) huwa ta' sitt elef u sitt mija (Lm6600). Sehem id-*decuius* ghalhekk li hu ta' sest indiviz jekwivali ghal elf u mitt liri Maltin (Lm1100).

Ghaldaqstant l-assi ereditarji ta'Giuseppa Attard jammontaw ghal:

| | |
|---|---|
| Depoziti bankarji …………………………………… | Lm12709 |
| Proprjeta` immobiljarja …………………………….. | 1100 |
| | ------------------ |
| Total ta' tlettax-il elf tmien mija u disa' liri Maltin … | Lm13809 |
| | ------------------ |

Filwaqt li l-proprjeta` immobiljarja mhijiex komodament divizibbli u ghalhekk sehmha mill-proprjeta` imsemmija trid tinbiegh b'licitazzjoni, id-depoziti bankarji jistghu jigu divizi kif ser jinghad:

Billi t-total ta' depoziti sa l-ahhar ta' Ottubru 1998 kien ta' tnax-il elf seba' mija u disa' liri Maltin (Lm12709), dawn iridu jinqasmu fi tliet kwoti ugwali ekwivalenti ghal erbat elef mitejn sitta u tletin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm4236.33) kull kwota li jithallsu, kwota lill-

attrici Rosaleen Attard de proprio bhala l-unika bint il-mejjet Frank Attard, kwota lill-ahwa Theuma kif rapprezentati bhala ulied il-mejta Catherine Theuma u kwota lill-konvenuti ahwa Attard kif rapprezentati bhala ulied il-mejjet John Attard. Il-figuri hawn likwidati naturalment huma salv kull somma ulterjuri rapprezentanti interessi akkumulati sad-data tal-pagament u li jridu jithallsu lill-kondividenti fl-istess kwoti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tillikwida l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Giuseppa sive Josephine Attard fis-somma ta' Lm13809,
(2) tordna d-divizjoni tad-depoziti bankarji fi tliet porzjonijet ugwali li jigu assenjati kwota lill-attrici proprio, kwota lill-attrici nomine u kwota lill-konvenuti nomine,
(3) tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' sehem id-*decuius* tal-fond 57, gia' 30, gia' 25, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun u l-qasma u assenjazzjoni tar-rikavat lill-kontendenti skond il-kwota rispettiva taghhom imsemmija
(4) tinnomina lin-Nutar Pierre Falzon biex jippubblika l-att relattiv u tinnomina lill-Avukat Dr. Joseph Sammut biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att.

Bl-ispejjez li jithallsu mill-kontendenti skond il-kwota rispettiva taghhom.

ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA

D/REGISTRATUR